TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 218/14-F

**Antoine Busuttil & Bridget Giusti**

**vs**

**Charles Grech**

Illum 10 ta' Marzu, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 t'Ottubru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, mija u sebgħa w sebgħin ewro, u erbgħa w sittin ċenteżmi (€1,177.64), rappreżentanti l-prezz ta' *sliding door* li huwa ta' materjal PVC fejn saru diversi ħsarat fuq dan il-bieb minħabba l-fatt li twaħħal *insect screen* u ħalla xi toqob fuq dan il-bieb.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw frame tal-PVC u meta ġie jagħmel il-*mosquito net*, għamilha fuq barra illi l-felt ġie jidher minn barra bil-konsegwenza li taqqab il-bieba. Illi kien hemm disa' toqob u kienu mimlijin bis-silicone u ma kienx jidher sabiħ.

L-intimat issottometta illi l-ħadid huwa galvanizzat u li qatt ma jista' jissaddad.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi meta bniedem jixtri prodott irid ikun jaf għalxiex qiegħed jixtri, u għandu dritt ikun jaf kif ser jiġi mwaħħal dak il-bieb sabiex ikollu l-għażla jekk jaċċetta jew ma jaċċettax dwar dan il-bejgħ, u li f'dan il-każ il-konsumatur ma kienx infurmat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), sabiex dan il-bieb ikun jista' jittranġa, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888